G. Naudi.

# AWTORITA' TAD-DJAR

*NOVEMBRU 1988*

Rapport Ta' Hidma
Bejn 1-1 t'Ottubru 1987
u t-30 ta' Settembru 1988

Estimi Ta' Dhul u Nfieq
Bejn 1-1 t'Ottubru 1988
u t-30 ta' Settembru 1989

Rapport Finanzjarju
Bejn 1-1 t'Ottubru 1987
u t-30 ta' Settembru 1988

MHEJJIJA SKOND PARAGRAFU 11
U PARAGRAFU 13 TA' L-ATT XV
TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA'
TAD-DJAR

KONTENUT


| Kulur | Pagna | Dettal |
|---|---|---|
| Abjad | 1 - 11 | Rapport Amministrattiv |
| Blu | 1 - 3 | Rapport Finanzjarju |
| Roza | 1 - 6 | Estimi Ghas-Sena 1988/89 |
| Abjad | 1 - 69 | Progetti 1987/88/89/90 |

# AWTORITA' TAD-DJAR

## RAPPORT AMMINISTRATTIV

### 1.0 DAHLA

1.1 Dan ir-rapport jittratta l-hidma ta' l-Awtorita' tad-Djar tul is-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru, 1987, sat-30 ta' Settembru, 1988.

1.2 Dan ix-xoghol sar taht ir-responsabbilta' tal-Bord nominat permezz ta' Avviz Numru 405 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Gunju, 1987, u kkonfermat permezz ta' Avviz Numru 465 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Gunju, 1988.

1.3 Il-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar matul din is-sena kien immexxi mill-Perit Edward Bencini B. Arch., A. & C.E., bhala Chairman, u kellu bhala membri is-Sur Gaetan Naudi A.C.I.S., Deputat Chairman, u lis-Sinjuri Pauline Ellul, Catherine Galea B.Sc.(Eng), B.A.(Arch), A. & C.E., Saviour Gatt, Paul V Mifsud B.A.(Hons), M.A., Joe Scicluna u Piju Spiteri.

Lm
Chairman 3000
Dep. Chairman 750
6 members x 500 each
Lm6750
Previously
Chairman & Hon. Sec. 4670
2 members x 2067 each
8804

1.4 Matul l-ewwel sena ta' l-attivita' tal-Bord il-gdid, is-Sur Gaetan Naudi A.C.I.S., bhala Deputat Chairman u bhala persuna nvoluta mill-qrib fis-snin ta' qabel max-xoghol ta' l-Awtorita' tad-Djar, kien strumentali biex giet assigurata kontinwita' fix-xoghol ta' l-Awtorita' tad-Djar. Kien ghalhekk possibli li t-transizzjoni mill-Bord ta' qabel ghal dak gdid issir b'mod efficjenti, u li f'dan iz-zmien il-Bord seta' jipprepara ghall-programm ambizzjuz mahsub fil-pjan ta' ghaxar snin, imniehdi minn dan il-Bord, fl-ewwel xhur tal-hatra tieghu.

1.5 Is-Sur Paul V Mifsud, B.A.(Hons), M.A., gie mahtur Deputat Chairman permezz ta' Avviz Numru 465 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Gunju, 1988.

1.6 Is-Sur Piju Spiteri nhatar membru tal-Bord ta' l-Awtorita' permezz ta' Avviz Numru 276 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-12 t'April, 1988.

Executive Secretary (AO) + Lm600 p.a. allowance

### 2.0 L-EWWEL TLIET XHUR

2.1 Ir-Rapport tal-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar tal-1987 kien jittratta dwar ix-xoghol ta' l-Awtorita' li kien sar taht tliet Bordijiet :-

A. L-ewwel Bord iffunzjona mill-1 ta' Ottubru, 1986 sal-31 ta' Dicembru, 1986.
B. It-tieni Bord iffunzjona mit-30 ta' Jannar, 1987 sa l-14 ta' Mejju, 1987.
C. It-tielet Bord iffunzjona mill-24 ta' Gunju, 1987 sat-30 ta' Settembru, 1987.

Dan ir-rapport kien gie ppreparat u approvat mill-membri mahtura fl-ahhar Bord fuq imsemmi.

2.2 Matul dawn l-ewwel tlett xhur u 7 ijiem ta' xoghol tul l-1987 il-Bord il-gdid kien identifika l-problemi enormi li kellu jikkonfronta.

Effettivament, fir-rapport ghas-sena li ghaddiet imressaq fil-Parlament u approvat minnu, sar enfasi fuq hafna problemi ta' importanza fondamentali li sab il-Bord il-gdid, fosthom :-

A. It-tnaqqis fir-responsabbilta' ta' l-Awtorita' tad-Djar b'rizultat ta' introduzzjoni ta' skemi ta' allokazzjonijiet diretti ta' djar bhal, per ezempju, l-allokazzjoni ta' 868 unit mid-"Direct Allocations Board", minghajr ebda relazzjoni ma' sistemi socjali "gusti", jew inkella minghajr relazzjoni ma' sistemi li kkonsidraw il-*means* ta' l-applikanti biex b'hekk il-postijiet disponibbli jinghataw skond il-puntegg socjali ta' l-applikant.

details required

B. L-immobilta' totali ta' l-iskema "Ixtri Darek" li wasslet ghal (i) nuqqas enormi fid-dhul ta' l-Awtorita', u (ii) twaqqif assolut tat-trasferimenti ssussidjati ta' proprjetajiet tal-Gvern lill-inkwilini tieghu li xtaqu jixtru l-post tar-residenza taghhom.

Application received IXTRI DAREK Feb. 1987

C. L-istat akut ta' dilemma tal-istaff ta' l-Awtorita' li ma setghux, fil-parti l-kbira taghhom, jidentifikaw jekk kienux ma' l-Awtorita' tad-Djar jew mad-Dipartiment tad-Djar, b'rizultat ta' konfuzjoni totali kkrejata meta c-Chairman tal-Housing Authority u s-Segretarju tad-Djar saru persuna wahda - DAN WASSAL GHAL DEMOTIVAZZJONI SERJA LI GGENERAT INEFFICJENZA KWAZI ASSOLUTA FIX-XOGHOL TA' L-AWTORITA' TAD-DJAR U TAD-DIPARTIMENT TAD-DJAR.

Housing Dept

| | Clerical | Others |
|---|---|---|
| 1985 | 20 (19) | 17 (19) |
| 1986 | 20 (33) | 17 (26) |
| 1987 | 30 (40) | 21 (47) |

HA/HD Memo to JC re staff (Mar '87)

D. Id-dizintegrazzjoni ta' sistemi li fl-idejal kellhom iwasslu ghall-gustizzja socjali fit-tqassim tad-djar lil dawk l-aktar fil-bzonn.

E. In-nuqqas shih ta' informazzjoni rejali dwar il-bzonnijiet attwali ta' dawk fl-anqas livell ta' dhul, u ghalhekk fl-akbar bzonn ta' ghajnuna.

F. Il-mod irresponsabbli kif diversi *"ex-services quarters"* gew ikkonvertiti f' *"ghettoes"* moderni, bil-problemi kollha li rrizultaw minn dan in-nuqqas serju ta' ppjanar.

G. Problemi ohra li rrizultaw mill-ghaggla esagerata biex jigu allokati dawn il-postijiet fl-ewwel xhur tal-1987, bla ebda koordinament li kien necessarju bejn id-diversi dipartimenti, u li wassal ghal sitwazzjonijiet inkredibbli fejn gew allokati appartamenti u djar, per ezempju :

(a) Fis-sit ta' estensjoni proposta ta' "triq, ghall-access mill-ajruplani minn *Park 8* sa *Park 9* " fl-Ajruport.

(b) 'Il gewwa mis-"Security Fence" tal-progett ta' M'Xlokk.

site plans + copies of allocation letters

H. L-ghoti ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' djar bi prezzijiet tassew ghaljin lil kumpaniji bhall-"Land & Sea Co. Ltd." u hafna drabi sahansitra minghajr kuntratt iffirmat. *do you have example of tender price & costings?*

I. L-assenza ta' sistemi li jassiguraw li KULL MIN KELLU JKUN SOCJALMENT INTITOLAT GHAL ALLOKAZZJONI TA' POST DECENTI FEJN JGHIX MAL-FAMILJA TIEGHU KELLU D-DRITT LI JITLOB LI JINGHATA DAN IL-POST. *Can we be disproved here?*

J. In-nuqqas assolut ta' ppjanar fit-tul b'rizultat li l-Bord il-gdid ma sab ebda *stock* ta' progetti mahsuba biex ikun jista' jkompli jipprovdi *social housing*, u ghalhekk kellu prattikament jibda mill-gdid fix-xoghol ta' l-ippjanar.

K. In-nuqqas ta' "structured policies", f'dak li kellu x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni ta' l-iskemi ta' l-Awtorita' tad-Djar, bir-rizultat li ta' spiss persuni differenti li ressqu problemi simili ghall-kunsiderazzjoni tal-bord ta' l-Awtorita' tad-Djar gew ittrattati b'modi differenti. *example required*

L. Il-problemi kbar li rrizultaw mit-8, 9 u 10 hargiet tal-H.O.S. meta dawn inhargu fl-ahhar xhur qabel l-elezzjoni tal-1987 u minghajr ebda stharrig serju dwar l-impatt ta' dawn il-hargiet fuq l-ambjent, fuq l-agrikoltura, u fuq affarijiet ohra, u meta l-kundizzjonijiet ikkrejaw problemi kbar fil-formolazzjoni tal-kuntratti ghall-ghoti ta' dawn l-plots.

M. L-ghoti b'konvenju ta' flats u djar tal-Gvern li qeghdin fuq art li ghad m'hijiex proprjeta' tal-Gvern u ghalhekk il-kuntratti tax-xiri ma jistghux isiru. F'dawn il-konvenji fil-maggoranza taghhom saru depoziti ta' 50% tal-prezz miftiehem. *?*

2.3 Ghalhekk irrizulta bl-aktar mod car li l-Awtorita' tad-Djar kienet organizmu minghajr ebda sens ta' direzzjoni jew ippjanar, u minnufih gie deciz li kien hemm bzonn urgenti ta' rijorganizzazzjoni shiha u ta' idejat godda biex jistimulaw rizultati fejjieda fil-qasam socjali u nazzjonali tad-djar fil-Gzejjer Maltin.

## 3.0 IS-SENA LI GHADDIET

3.1 Wara li fl-ewwel tliet xhur il-Bord studja x'ghandhom ikunu l-pjanijiet ta' l-Awtorita' fis-snin li gejjin, u kif dawn il-pjanijiet ghandhom jitwettqu b'mod li, filwaqt li jipprovdu l-opportunita' lill-poplu li jakkwista djar dicenti ghall-ghixien tieghu u li jaghtuh ukoll l-opportunita' li dawk il-postijiet fejn jabita jsiru proprjeta assoluta tieghu, l-izviluppi

l-godda jinbnew b'mod koordinat ma' l-ambjent, ma' l-izvilupp tal-bini fil-pajjiz skond kif jigi kkondizzjonat mill-"Istructure Plan", **u, fuq kollox, li t-tqassim isir b'mod assolutament gust u li** ***kulhadd ikun jista' jara li qed isir b'mod gust.***

3.2 Effettivament, wara li l-Bord ta' l-Awtorita' ddetermina "Guideline Policies ghas-snin 1987 - 1997", beda mmedjatament jimplimenta dawn il-policies. Ghalhekk, tul is-sena li ghaddiet, l-Awtorita' tad-Djar nehdiet sensiela ta' skemi u attivitajiet godda li kienu gew previsti fir-Rapport ta' l-Awtorita' tal-1987 f'kapitlu 5.0. taht it-titlu "Il-Gejjieni", u li kienu konsolidazzjoni ta' dawn il-hsibijiet.

B'hekk matul is-sena li ghaddiet l-Awtorita' tad-Djar wettqet xoghol kbir biex introduciet sistemi socjali godda u xogholijiet ohra ta' mportanza fondamentali.

**A L-Iskemi A, B, C u D ta' l-Awtorita' tad-Djar**

Wara li giet ippubblikata il-White Paper tal-Iskemi Godda 'A', 'B', 'C' u 'D', biex thajjar inkwilini ta' djar tal-Gvern u tal-privat biex jixtru d-djar li jabitaw fihom, u wara li ntlaqghu u gew ikkonsidrati l-proposti tal-pubbliku, dawn l-iskemi gew ippublikati fil-forma finali taghhom permezz tal-harga tal-Gazzetta tal-Gvern Numru 14,939 li ggib id-data tas-16 ta' Frar, 1988.

Ghal dawn l-iskemi, sat-30 ta' Settembru, 1988, kienu ntlaqghu numru konsiderevoli ta' applikazzjonijiet kif jirrizulta hawn taht:

| | |
|---|---|
| Skema A | 278 |
| Skema B | 258 |
| Skema C | 17 |
| Skema D | 142 |
| TOTAL | 695 |

Qrib hames mija minn dawn l-applikazzjonijiet issa gew ipprocessati u bdew isiru il-konvenji u l-kuntratti.

Ghandu jinghad li, filwaqt li ma ntlahqux il-figuri ta' bejgh mahsuba fl-estimi ta' l-Awtorita' tas-sena li ghaddiet, in-numru ta' dawk li applikaw ghall-iskemi 'A' u 'B' (536) kien oghla mill-ammont ta' 330 li l-Awtorita' kienet hasbet ghalihom.

Fir-rigward ta' l-iskemi 'C' u 'D', in-numru li applikaw (159) kien sostanzjalment anqas mill-istima ta' l-Awtorita'.

Huwa mahsub li s-sena d-diehla, f'dawk li huma l-Iskemi 'A' u 'B', jigi komplut ix-xoghol kollu u jsiru l-kuntratti ta' l-applikazzjonijiet kollha li hemm pendenti. Hu wkoll mahsub li jsiru applikazzjonijiet godda tul is-sena d-diehla li allura jigu pprocessati 'l quddiem.

Fir-rigward ta' l-iskemi 'C' u 'D', ghandhom isiru l-kuntratti ta' dawk kollha li ghandhom l-applikazzjoni pendenti. Izda hu ppjanat ukoll li l-Awtorita' tniehdi kampanja ta' pubblicita' fost l-inkwilini tad-djar privati biex tinformahom dwar il-hafna beneficcji diretti u ndiretti ta' l-iskemi 'C' u 'D'.

**B Bini ta' Appartamenti Godda**

Matul din is-sena nbeda xoghol fil-bini ta' 551 appartamenti godda li bicciet minnhom huma fi stadju avvanzat hafna. Dawn il-postijiet jinstabu f'diversi lokalitajiet, kif indikati hawn taht :-

| **LOKALITA'** | **NUMRU TA' APPARTAMENTI** |
|---|---|
| Il-Hamrun | 16 |
| Il-Kalkara | 64 |
| Hal-Kirkop | 32 |
| L-Imsida | 61 |
| L-Isla | 4 |
| San Gwann | 204 |
| Sta. Lucia | 44 |
| Sta. Venera | 80 |
| Il-Belt Valletta | 46 |
| TOTAL | 551 |

Apparti minn dawn, tkomplew ix-xoghlijiet fuq 195 post iehor mibdija fis-sena ta' qabel mill-kumpanija "Land & Sea Co. Ltd." Ghandu jinghad li minhabba li nstab li l-prezzijiet ta' dawn il-kuntratti kienu ferm oghla minn dawk fis-suq, il-kuntratti kellhom jigu rinegozjati, b'rizultat li x-xoghol ma tlestiex fiz-zmien previst. Dan il-fatt gie rifless fin-nuqqas ta' dhul ta' Lm300,000 mhabbar fl-estimi tas-sena li ghaddiet mill-bejgh ta' dawn il-positijiet.

| | |
|---|---|
| In-Naxxar | 50 |
| Sta. Lucia | 50 |
| San Pawl il-Bahar | 20 |
| Iz-Zejtun | 75 |
| TOTAL | 195 |

**Ghalhekk matul l-1987/88 sar xoghol fuq bini ta' 746 appartament gdid fi tnax-il lokalita' ta' Malta.**

Matul is-sentejn 1988/89 u 1989/90 hu mahsub li se jigu mibnija 700 appartamenti ohra f'lokalitajiet ohrajn.

B'hekk fi tliet snin sal-1990 hu ppjanat li jigu provduti qrib 1,500 appartament gdid ghall-beneficcju tal-poplu Malti. Dan, apparti mill-fatt li hu l-akbar ghadd ta' djar qatt mibnija fi zmien hekk qasir, jixhed id-determinazzjoni shiha tal-Gvern, riflessa f'dan ix-xoghol tal-Awtorita' tad-Djar, li jeqred il-problemi tad-Djar fil-Gzejjer Maltin.

Units built under Gov. adm. 1971-1987

C Il-Progett ta' l-Imtarfa

Ghandu jinghad li fil-progetti deskritti fil-kapitlu ta' fuq huwa eskluz il-progett ta' l-Imtarfa li wahdu ser jipprovdi madwar 800 post iehor ta' abitazzjoni u fl-istess waqt ser itejjeb l-ambjent u l-livell ta' l-ghixien ghal dawk il-familji li diga jghixu hemmhekk.

Kif issemma qabel, il-Bord il-gdid ta' l-Awtorita' kien wiret problema kbira kkrejata mill-konverzjoni mghaggla w bla hsieb ta' *"ex-services quarters"* f'residenzi ghall-Maltin.

Ghalhekk hafna drabi rrizulta li f'dawn l-oqsma r-residenti sabu nuqqasijiet kbar f'kull aspett tal-hajja taghhom, bhal, per ezempju:-

- Assenza tas-servizzi essenzjali bhal dawl, ilma, drenagg u telephone.
- Insufficjenza ta' servizzi socjali w civili bhal ghases, ~~jew~~ klinici, kazini, skejjel, ecc.
- Inaccessibilita' tal-lokalitajiet b'mod li ambulanza, jew *fire engine*, jew vannijiet tad-Dipartiment tas-Sahha ghall-indafa pubblika ta' sikwit ma setghux jaslu qrib il-bini allokat.
- Nuqqasijiet kbar anki fl-istess residenzi fejn kemm-il darba l-inkwilin la kellhom bejt u l-anqas bitha fejn jistghu jonxru l-hwejjeg.
- Bini li f'certi kazi kellu sahansitra problemi strutturali.

L-Awtorita' tad-Djar mill-ewwel hasset l-obbligu taghha li thares lejn dawn il-bnadi w tistudja l-ahjar mod kif ghandhom jigu rijabilitati dawn il-lokalitajiet, fl-interess:-

i) tar-residenti prezenti;
ii) ta' l-uzu tar-rizors ta' l-art, tant limitata f'pajjizna, b'mod ahjar w aktar ekonomiku.

Bhala l-ewwel pass gew identifikati erba' bnadi fejn gew allokati l-"*ex-services buildings*", u li kienu l-Imtarfa, Pembroke/St Georges, Tigne, u Hal Far. L-Awtorita' dehrilha li l-lokalita' bl-akbar problemi kienet dik ta' l-Imtarfa fejn jghixu madwar 135 familja.

Ghaldaqstant l-Awtorita' nehdiet kompetitizzjoni pubblika li ghaliha setghu japplikaw Periti w Inginiera Civili bl-iskop li dawn ifasslu progett ghall-izvilupp ta' l-Imtarfa.

F'dan il-progett il-konkorrenti gew mitluba li jaghtu kaz partikolari tal-problemi ezistenti tar-residenti, u jipproponu kif ghandhom jigu mnehhija dawn il-problemi fl-interess ta' l-istess residenti. Fl-istess waqt il-konkorrenti kellhom ukoll jaghmlu proposta ghall-izvilupp koordinat ta' belt gdida mzewwqa bil-bzonnijiet kollha skond in-numru ta' residenti fil-belt zviluppata.

Wara li gew ezaminati l-proposti kollha, dawn gew esibiti ghall-pubbliku bejn it-Tnejn 5 ta' Settembru u l-Erbgha, 7 ta' Settembru 1988, u kulhadd seta jibghat ir-rimarki tieghu dwar l-izvilupp propost. Fil-fatt l-Awtorita' tad-Djar irceviet qrib hamsin ittra li qed jigu studjati bhalissa.

Fix-xhur li gejjin, id-disinn rebbieh, flimkien ma' sintezi tal-kummenti li rceviet l-Awtorita', jintbaghtu lid-Dipartimenti tal-Gvern koncernati bhal l-Antikita, l-Ambjent, u ohrajn, u jintbaghtu wkoll lill-Korpi Volontarji, bhal Din l-Art Helwa, ecc.

Fl-istess waqt, qabel ma jigi finalizzat id-disinn u qabel ma jinbeda x-xoghol fuq dan il-progett, issir konsultazzjoni shiha mar-residenti ta' l-Imtarfa.

Huwa mahsub li dan il-process jigi konkluz fi ftit xhur ohra biex ix-xogholijiet fl-Imtarfa jinbdew matul l-1989.

Matul is-sena d-diehla ghandu jigi studjat jekk St George's / Pembroke, Hal Far u anki Ricasoli ghandhomx jigu zviluppati wkoll f'"*urban development zones*" godda.

D 'Skema tal-'*Home-Ownership*'

Fil-qasam tal-Home Ownership, matul l-ewwel sena ta' l-attivita tal-Bord il-gdid ta' l-Awtorita', kellu jsir hafna xoghol li

rrizulta mir-'resiting' tal-plots tad-9 u l-10 harga ta' H.O.S:, u kellhom jigu ppreparati l-kuntratti kollha ghall-ghoti ta' dawn il-plots kif ukoll ix-xoghol kollu amministrattiv involut.

B'danakollu, kif imwieghed mill-Awtorita' fir-rapport tal-1987/88, xorta nstab il-hin biex gew identifikati arei fi 33 lokalita' differenti ta' Malta w Ghawdex ghall-ghoti ta' 1000 plot - infatti l-applikazzjonijiet ghal dawn il-plots gew avzati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Settembru 1988 liema applikazzjonijiet jaghlqu fl-4 ta' Novembru 1988.

Huwa mahsub li fis-sentejn ta' wara 1988/89 - 1989/90 - jigu allokati 600 plot ohra fis-sena, biex b'hekk ikunu gew allokati b'madwar 2200 plot fit-tliet snin bejn l-1987 sa l-1990.

**GHALHEKK IL-FATT FORMIDABBLI HU LI DIGA, F'ANQAS MINN SENA W NOFS, U MINKEJJA L-PROBLEMI ENORMI LI NSTABU FIL-QASAM TAD-DJAR, IL-GVERN, PERMEZZ TA' L-AWTORITA' TAD-DJAR, HA HSIEB JIZVILUPPA 1,450 APPARTAMENT U 2200 PLOT - DAN L-IZVILUPP IWASSAL BIEX FL-EWWEL TLIET SNIN TINTLAHAQ CIFRA TA' 3,650 APPARTAMENT U PLOT FIL-LOKALITAJIET KOLLHA TA' MALTA W GHAWDEX.**

Naturalment dan l-izvilupp kbir qed jinvolvi l-Awtorita' u l-Gvern fi spiza ta' bosta miljuni ta' Liri Maltin. Fir-rapport finanzjarju, kif ukoll fl-estimi ta' l-infieq u dhul ta' l-Awtorita' aktar 'l quddiem, jigi mfisser kif l-Awtorita' sejra tkopri din l-ispiza.

## E Stharrig dwar id-Djar

Fl-istess waqt, is-sena li ghaddiet l-Awtorita' organnizat 'Stharrig dwar id-Djar'. Ix-xoghol fuq dan il-progett issa jinstab fi stadju avvanzat hafna u huwa mistenni li r-rizultati tieghu jigu finalizzati kmieni s-sena d-diehla.

some survey detail required

Il-fatt li ghal dan l-istharrig, li kien assolutament volontarju, resqu 'l fuq minn 17,000 persuna, li jidhrilhom li l-qaghda taghhom u tal-familji taghhom (li jghixu fi djar neqsin minn kumditajiet essenzjali) ghandha bzonn ta' azzjoni rimedjali, hu diga ndikazzjoni tal-gravita' tal-problema tad-djar.

Illum sar ix-xoghol preparatorju biex il-bicca l-kbira tal-formoli mimlija mill-applikanti tigi programmata fis-sistema tal-kompjuter il-gdida ta' l-Awtorita' introdotta f'dawn l-ahhar gimghat.

B'rizultat ta' dan l-ezercizzju, ghall-ewwel darba fl-istorja tas-'Social Housing' fil-Gzejjer taghna, ser ikun possibli li l-ippjanar ikun jista jsir fuq bazi ta' ricerka xjentifika. Naturalment, jibqa' l-bzonn li l-Awtorita' tibqa' taggorna ruhha dwar fatturi

godda li jistghu jirrizultaw minn zmien ghal zmien, u li jistghu jimmodifikaw, wara ftit snin jew anki xhur, is-sitwazzjoni li tirrizulta mill-Istharrig.

Kien ghalhekk li l-Awtorita' tad-Djar, qabel ma xtrat is-sistema tal-kompjuter, ghamlet studju shih ta' l-iskemi kollha prezenti ta' l-Awtorita' kif ukoll ta' l-izvilupp ipprogettat fil-qasam tad-djar skond il-pjan decennali taghha. B'hekk is-sistema tal-kompjuter li ntghazlet, filwaqt li tlahhaq max-xoghol prezenti ta' l-Awtorita', hi mahsuba biex tista' tikber hekk kif ix-xoghol ta' l-Awtorita' tad-Djar jizdied.

F. **Allokazzjoni ta' appartamenti b'kera sussidjata** CAPITAL LETTERS

Mill-bidu nett, il-Bord ta' l-Awtorita' hass li kellu jirrevedi s-sistemi ta' allokazzjoni ta' appartamenti godda lill-inkwilini.

MA KIENX ACCETTABBLI LI TITKOMPLA SISTEMA FEJN:

- jew jinghataw dawn l-appartamenti wara seduta bil-bibien maghluqa tal-Bord tal-Awtorita' tad-Djar; example required
- jew jinghataw kwazi 900 dar w appartament f'zewg seduti tal-misterjuz 'Direct Allocations Board';
- jew li formoli nfushom li kellhom jimtlew mill-istess applikanti, fid-deher ma kienux iddisinjati b'mod li dak l-aktar fil-bzonn ikun jista' jgawdi qabel haddiehor. copies of old forms required

**GHALHEKK, MILL-BIDU NETT IL-BORD IL-GDID HASS IL-HTIEGA *ASSOLUTA* LI JIRREVEDI S-SISTEMA TA' L-ALLOKAZZJONI TA' DAWN L-APPARTAMENTI B'MOD LI JASSIGURA GUSTIZZJA SOCJALI SHIHA.**

Fil-harga ta' l-allokazzjoni tal-flats tal-Laqxija, B'Kara, u tal-Furjana giet introdotta sistema gdida ta' punti. Din giet addottata wkoll fil-harga tal-appartamenti f'Bormla.

Izda l-Awtorita' fehmet ukoll li mhux biss il-formola kellha tinbidel izda anki l-process kollu ta' kif issir l-evalwazzjoni tal-punti ta' l-applikanti.

**Ghalhekk, kontrarjament ghall-procedura ta' qabel fejn HADD HLIEF IL-MEMBRI TAL-BORD TA' L-AWTORITA' - U JIDHER LI LANQAS IL-MEMBRI KOLLHA - MA KELLHOM ACCESS GHALL-PROCEDIMENTI TA' DAWN L-ALLOKAZZJONIJIET, b'decizjoni unanima tal-Bord il-gdid gie deciz li l-evalwazzjoni tal-punti ta' dawk kollha li japplikaw issir bil-miftuh, QUDDIEM KULHADD.**

Apparti minn dan, wara li tkun saret l-evalwazzjoni quddiem kulhadd tal-punti ta' kull applikant, dawn jigu ppublikati biex kull min japplika jista', fiz-zmien stipulat, jitlob li ssir investigazzjoni tal-puntegg assenjat lilu mill-Awtorita', f'kaz li hu jhoss li qed jigi zvantaggjat bi kwalunkwe mod.

L-Awtorita' tad-Djar taghraf li wara snin twal fejn l-allokazzjonijiet ta' l-appartamenti tal-Gvern saru bi kriterji jew '*strambi*' jew '*irrejali*' jew kwazi '*non-ezistenti*' , hu ferm difficli li f'hakka t'ghajn jinqalbu dawn is-sistemi minghajr riperkussjonijiet jew reazzjoni minghand dawk li jidhrilhom li qabel kienet saret diskriminazzjoni kontra taghhom.

Mill-banda l-ohra, l-Awtorita' ma tista' qatt taccetta - bhal ma kien jirrizulta qabel - li timxi kontra l-kriterji carissimi ta' gustizzja socjali, u tiffavorixxi lil dawk li lanqas ghandhom bzonn genwin ta' assistenza socjali, jew inkella zzomm lura dawk li verament jixirqilhom assistenza socjali, u tghin minflokhom lil dawk li jinstabu f'sitwazzjoni ahjar w anqas bzonnjuza - **U DAN INTQAL B'MOD ASSOLUT U NTWERA BIL-FATTI LIL KULL MIN, MINN GUNJU TA' L-1987 'L HAWN, APPLIKA GHALL-GHOTI TA' APPARTAMENTI MAHRUGA MILL-AWTORITA' TAD-DJAR.** some example required

L-Awtorita' hi zgura li permezz tal-progetti kbar taghha, li ser jipprovdu 3650 appartamenti u plots fi zmien sentejn ohra, ser jigu sodisfatti hafna mill-bzonnijiet immedjati tal-poplu Malti u Ghawdxi.

Naturalment ftit jista jsir f'gurnata, jew gimgha, jew xahar - imma f'sena jew sentejn il-problemi jibdew jinhallu, u **permezz ta' applikazzjoni ta' principji onesti ta' gustizzja socjali, anki fil-qasam tad-djar, dawn il-principji ghandhom jipprevalu fuq it-tentazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' uzu ta' prattika zbaljata w dizonesta li kienet sikwit uzata fis-snin ta' qabel,**

## G. Relazzjonijiet ma' l-E.R.F.

F'Jannar li ghadda, delegazzjoni Ministerjali attendiet laqgha fi Strasbourg, Franza, ma' ufficjali tal-"European Resettlement Fund". Din id-delegazzjoni kienet tikkonsisti mis-Segretarju Parlamentari ghad-Djar, l-Onor. Dr. Joe Cassar B.A., LL.D., M.P.; is-Sur Edward Bencini B.Arch., A. & C.E., Chairman ta' l-Awtorita' tad-Djar; is-Sur Joseph Schembri B. Educ., Ambaxxatur ghall-Kunsill ta' l-Ewropa; u is-Sur Lino Farrugia, mis-Segretarjat ta' Dr. J. Cassar.

F'din il-laqgha d-delegazzjoni Maltija pprezentat progett ghall-izvilupp tad-djar fil-qasam socjali ghall-ghaxar snin li gejjin. Dan il-progett kien jirrekjedi ghajnuna ta' zewg miljun lira Maltin fis-sena fuq firxa ta' 10 snin.

Fil-laqgha tal-Bord tal-Gvernaturi tal-E.R.F., li saret Malta f'Gunju 1988, gie kkunsidrat pozittivament il-progett ta' l-Awtorita' tad-Djar, u l-E.R.F. approvat dan il-finanzjament ta' 20 miljun lira Maltin mifruxa fuq 10 snin.

Hu relevanti li jissemma wkoll li waqt il-laqgha tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Kunsill Amministrattiv ta l-E.R.F., gie wkoll approvat self iehor ta' miljun dollaru Amerikan b'rata ta' nteress ta' 1%.

Dawn il-fondi pprovduti mill-E.R.F. issa qed jintuzaw bis-shih mill-Awtorita' tad-Djar fil-progetti taghha.

Edward F Bencini B.Arch., A. & C.E.

Paul V Mifsud B.A.(Hons), M.A.

Gaetan Naudi A.C.I.S.

## AWTORITA' TAD-DJAR

Rapport Finanzjarju 1987 - 88

### 1.0 GENERALI

Fl-estimi tad-dhul u nfiq ghas-sena 1987/88 approvati mill-Kamra tar-Rapprezentanti kien hemm mahsub deficit ta' Lm 301,500.

Minkejja li d-dhul rikorrenti kien ta' Lm 35,790 anqas minn dak mahsub, permezz ta' kontroll iebes tan-nefqa kapitali w rikorrenti, l-Awtorita' rnexxielha tnaqqas in-nefqa mahsuba ta' Lm 867,200 ghal dik ta' Lm 579,404. Ghalhekk id-deficit mahsub fl-estimi gie mrazzan ghal Lm 247,508.

### 2.0 IL-FONDI TA' L-E.R.F.

2.1 Minhabba l-kwantita' kbira ta' progetti ta' bini ta' djar li tnehdew matul l-1987/88 - 551 appartamenti godda nbdew fl-1988 - u biex jigu moghtija l-kuntratti relevanti ta' xoghol b'valur ferm oghla mill-provvediment mahsub mill-Fond Konsolidat - l-Awtorita' kellha tassenja ghal dawn il-progetti investimenti barranin moghtija b'self lill-Awtorita' mill-'European Resettlement Fund". Ghal dan il-ghan inbieghu investimenti barranin ta' valur ta' Lm 1.43 miljun.

2.2 Dawn il-flus bhalissa huma depozitati fil-Bank Centrali biex ikopru l-pagamenti li jridu jsiru s-sena d-diehla biex jitlesta l-bini ta' l-appartamenti finanzjati mill-Awtorita'.

2.3 L-Awtorita' hasbet ukoll biex fis-sentejn li gejjin jinbnew madwar 700 appartament iehor, billi parti sostanzjali min-nefqa nvoluta tkun iffinanzjata mis-sorsi ta' l-Awtorita'.

2.4 Effettivament, hu mistenni li s-sena d-diehla l-Awtorita' jkollha tillikwida aktar assi biex flimkien ma' Lm1.43 miljun u self iehor minghand l-E.R.F. ta' Lm 2.33 miljun, tiffinanzja progetti b'ammont ta' madwar Lm 4.25 miljun.

2.5 L-Awtorita' hasbet ghall-provvediment ta' *sinking fund* biex kull sena titwarrab somma proporzjonali ghall-hlas lura lill-E.R.F. ta' l-ammonti mislufa meta dawn jimmaturaw.

3.0 L-ISKEMI

3.1 Filwaqt li l-iskemi ta' l-Awtorita', partikolarment skemi A, B u D, intlaqghu tajjeb hafna mill-pubbliku, fl-ipprocessar taghhom nstabu diversi ostakoli li kkawzaw dewmien biex jigu finalizzati l-kuntratti. Wiehed mill-akbar problemi f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-iskemi 'A' u 'B' hu li sikwit il-proprjeta' li fuqha jkunu nbnew l-appartamenti tkun ghadha ma gietx akkwistata mill-Gvern, ghalkemm hafna drabi dan il-bini jkun ittella' bosta snin ilu.

3.2. B'rizultat ta' dawn l-ostakoli, id-dhul anticipat ta' Lm 1.3 miljun minn bejgh ta' appartamenti tal-Gvern, u n-nefqa mahsuba ta' Lm1.0 miljun f'sussidji lill-inkwilini privati li jixtru d-djar taghhom minghand proprjetarji privati ma ntlahqux.

3.3 Mill-banda l-ohra, peress illi n-numru pendenti ta' applikazzjonijiet fl-iskemi huwa kbir, u l-ipprocessar wasal fi stadju avvanzat, hu mistenni li n-numru ta' beneficjarji s-sena d-diehla ser ikun gholi hafna.

4.0 DHUL U NFIQ RIKORRENTI

4.1 Il-figuri tad-dhul u nfiq rikorrenti ghall-ahhar tliet snin u dak mahsub ghas-sena d-diehla huma elenkati hawn taht:-

| SENA | DHUL RIKORRENTI | NEFQA RIKORRENTI | ZBILANC | SUSSIDJU FUQ L-IMGHAX |
|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm |
| 1985/86 | 159,938 | 416,746 | 256,808 | 277,140 |
| 1986/87 | 142,947 | 510,015 | 367,068 | 280,541 |
| 1987/88 | 229,910 | 535,578 | 305,668 | 310,142 NOTA 1 |
| 1988/89 STIMA | 208,750 | 900,550 | 691,800 | 475,000 NOTA 2 |

NOTA 1 Fl-estimi tal-Awtorita' fis-snin ta' qabel is-sussidju fuq l-imghax kien jigi nkluz fid-dhul rikorrenti filwaqt li din is-sena qed jigi allokat ma' nefqa socjali f'sussidji.

NOTA 2 In-nefqa rikorrenti mahsuba ghas-sena 1988/9 ma tinkludix l-ammont ta' Lm 0.76 miljun allokat ghas-*sinking fund* ghar-ripagament tas-self minghand l-ERF.

4.2 Fir-rapport finanzjarju tas-sena li ghaddiet l-Awtorita' kienet diga rrimarkat li kien jidher car li d-deficit ta' l-Awtorita' kien qed jirrizulta principalment mill-obbligi ta' l-Awtorita' marbuta mas-sussidju ta' l-imghax - obbligi li, filwaqt li mhux mahsub li jistghu jonqsu ghax mhux mistenni li r-rati ta' l-interessi jistghu jitbaxxew, mill-banda l-ohra hu facli li jizdiedu jekk joghlew ir-rati ta' l-interessi.

4.3 L-Awtorita' hi konxja tal-bzonn li titkompla u, fejn hu finanzjarjament possibli, titkabbar l-ghajnuna taht l-iskemi socjali tad-djar specjalment lil dawk li l-aktar huma fil-bzonn ta' ghajnuna.

